MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Numru. 777/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN FERRIS**

**KONTRA**

**JOSEPH FRANCIS SCERRI ta' 50 sena, iben il-mejjet John u Anne nee' Serpina, imwieled Tal-Pieta' nhar it-23 ta' Marzu, 1962, residenti fil-fond Madonna ta' Pinu, Triq il-Kan Karmenu Pirotta, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 214062M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Francis Scerri** li gie akkuzat talli f'Lulju, 2012, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismiijet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Aaron Scicluna ID39368M, u/jew A & A Car Imports u/jew Bank of Valletta plc.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat fi stadju tal-prezentata b’arrest, u dan wara li nghata zmien xieraq sabiex jerga’ jahseb dwar l-istess.

Rat l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li bl-ebda mod ma tista’ ssir restituzzjoni tal-flejjes dovuti, in vista’ ta’ l-ammissjoni bikrija tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ 13-il xahar habs.

Tilliberah mill-effetti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in vista’ li ma gew nkorsi ebda spejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------